

21999D0722(02)

L 189/54

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.7.1999

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 83/98

tal-25 ta' Settembru 1998

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjonijiet tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/98 tal-31 ta' Lulju 1998 <sup>(1)</sup>;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 97/41/KE tal-25 ta' Ġunju 1997 li temenda d-Direttivi 76/895/KEE, 86/362/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi ta' pestiċidi fi u fuq, rispettivament, frott u ħaxix, ċerejali, affarijiet ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali u ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inkluż frott u ħaxix <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 13 (Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“– **397 L 0041:** Id-Direttiva tal-Kunsill 97/41/KE tal-25 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 184, tad-12.7.1997, p. 33).”.

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 38 (Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim taż-ŻEE:

“– **397 L 0041:** Id-Direttiva tal-Kunsill 97/41/KE tal-25 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 184, tad-12.7.1997, p. 33).”.

*Artikolu 3*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 39 (Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim taż-ŻEE:

“– **397 L 0041:** Id-Direttiva tal-Kunsill 97/41/KE tal-25 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 184, tad-12.7.1997, p. 33).”.

*Artikolu 4*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 54 (Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim taż-ŻEE:

“– **397 L 0041:** Id-Direttiva tal-Kunsill 97/41/KE tal-25 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 184, tad-12.7.1997, p. 33).”.

*Artikolu 5*

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 97/41/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-26 ta' Settembru 1998, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

(1) ĠU L 172, tat-8.7.1999, p. 50.

(2) ĠU L 184, tat-12.7.1997, p. 33.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Settembru 1998.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

---